**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 28 ta' Ottubru, 2015**

**Citazzjoni Nru: 352/2014 AF**

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

**Clint Vassallo u b'digriet tat-22 ta' Jannar 2015, Antoine Vassallo gie mahtur Kuratur Deputat biex jirraprezenta lil Clint Vassallo**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Bank of Valletta plc li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Ann Fenech Adami datat 9 ta' Gunju 2009 (Dok. "A") kif ukoll fl-iskrittura privata datata 22 ta' Dicembru 2006 (Dok. "B"), is-socjetà attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Clint Vassallo.

Is-socjetà attrici tinsab kreditrici tal-konvenut Clint Vassallo fis-somma ta' mija u wiehed u tmenin elf, disa' mija u erbgha u sebghin Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€181,974.53) bilanc

ghad-debitu fil-"Current u Loan Accounts" ta' Clint Vassallo mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C2", "D1 sa D4", "E1 sa E2", "F1 sa F2" u Dok. "G") flimkien mal-imghax ulterjuri mid-19 ta' Marzu 2014 sad-data tal-effettiv pagament.

Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura fuq imsemmija (u hawn esibiti bhal Dokumenti "A" u "B"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Clint Vassallo:

(a) Naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Clint Vassallo li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici.

L-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Il-konvenut Clint Vassallo gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 25 ta' April 2013, li kopja taghha qed tigi hawn esibita u immarkata Dok "H" sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda huwa baqa' inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura fuq imsemmija (u hawn esibita bhala Dokumenti "A" u "B") partikolarment imma mhux esklussivament billi Clint Vassallo (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Clint Vassallo li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici, u

2. Tikkundanna lil Clint Vassallo jhallas lis-socjetà attrici s-somma ta' mija u wiehed u tmenin elf, disa' mija u erbgha u sebghin Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€181,974.53) bilanc ghad-debitu fil-"Current u Loan Accounts" ta' Clint Vassallo mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C2", "D1 sa D4", "E1 sa E2", "F1 sa F2" u Dok. "G") flimkien mal-imghax ulterjuri mid-19 ta' Marzu 2014 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 25 ta' April 2013 kontra l-konvenut li hu ingunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet ta din il-Qorti diversament presjeduta li permezz tieghu gie konfermat Antoine Vassallo bhala kuratur ghall-istess Clint Vassallo.

Rat li, minkejja li saret  id-debita notifika tal-atti tal-kawzi, ma giet ipprezentata ebda nota tal-eccezzjonijiet.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali mressqa mill-partijiet.

Ikkunsidrat illi s-sottomissjonijiet finali tal-intimat ma jikkontestaw ebda mod il-fatt li huwa tassew debitur tal-bank rikorrenti.  Kull sottomissjoni, anke jekk kellha tigi pruvata ma tinvolvi l-bank rikorrenti bl-ebda mod.  L-obbligi lejn l-istess bank jibqghu inkondizzjonati.

Il-bank rikorrenti, permezz tad-dokumenti pprezentati u x-xhieda viva voce tar-rapprezentant tieghu Dorianne Tanti, irnexxielu jipprova sal-grad rikjest mill-ligi li t-talba tieghu hija gustifikata u jisthoqqilha li tintlaqa'.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, tilqa' t-talbiet kollha ta' Bank of Valletta plc kif dedotti.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-intimat.

IMHALLEF

DEP/REG